MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1135/2004

**Julian Mula**

**Vs**

**Nevice Sammut**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta fl-ewwel lok qalet li mhix responsabbli ta’ dan l-incident.

Fit-tieni lok il-konvenuta kkontestat l-ammont.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenuta qalet:

“I was driving down Vjal il-Haddiem, he was driving at speed and sounded his horn. I saw that he was getting very close, I swerved into Qajjet Street in order to avoid him. When I arrived at crossroad, I stopped on the side because I saw him coming from the other side, then he hit the rear of my vehicle. After he hit me with the impact although I stopped, the car still shifted.”

Bhala hsara kellha r-*rear bumper*, *rear wing* u r-*rear right door*.

Ra illi l-attur qal:

“I was driving from roundabout area into Ghajn Qajjet when JBC 725 came from the left hand side straight into my vehicle. I braked hard to try and avoid her but still collided.”

Bhala hsara kellu l-*front bumper*, *front bonnet*, *front left headlight* u l-*front left wing*.

Ra x-xhieda ta’ Warden 21 William Saliba fejn jikkonferma d-dokumenti esebiti u jghid ukoll illi ma rnexxielux jistabbilixxi l-i*spot of impact*. Jghid illi t-triq mhix T-Junction izda pjuttost forma ta’ Y.

Ra x-xhieda ta’ James Mercieca li huwa s-*surveyor* ta’ l-attur fejn jghid illi s-*survey* esebit huwa *preliminary* ghaliex riedu jzarmaw xi parts biex jaraw jekk hemmx xi hsara taht. Jghid illi l-vetura ma ttrangatx u m’ghamilx rapport iehor. Mercieca jghid illi l-*preaccident value* tal-vettura kien madwar elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) u elf u tlett

mitt lira Maltin (Lm1,300). Jikkonferma li l-vettura ma gietx certifikata bhala *beyond economical repair*.

Ra x-xhieda ta' Warden 242 Mariella Micallef fejn tikkonferma l-iskizz. Tghid li ma setetx tistabbilixxi l-i*spot of impact* kif ukoll tghid li ma rat l-ebda *brake marks* ma' l-art.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jghid li hu kien sejjer ghan-naha tal-Bahrija. Jghid illi hu u niezel hargitlu karozza minn fuq il-lemin tieghu, hu daqq il-horn, ibbrejkja u baqa' niezel fid-direzzjoni 'l isfel. Jghid illi mbaghad dar ghall-Bahrija u l-konvenuta nizlet fejn il-flattijiet tal-Gvern fejn sar l-impatt.

Jispjega li l-konvenuta harget minn fuq ix-xellug tieghu, min-naha tal-flattijiet. Jikkonferma li ma rahiex gejja u lanqas cans jibbrejkja ma kellu. Jghid ukoll illi mal-habta, l-konvenuta baqghet sejra iktar 'l isfel.
Minfejn gara l-incident ghall-karozza tal-konvenuta jghid li kien hemm xi tletin jew erbghin metru.

Ma jaqbilx ma' l-iskizz ghaliex jghid li l-karozza tieghu kienet ezatt fil-kisra ftit iktar 'il fuq.

Jikkonferma li ma kienx qal lill-Warden bl-ewwel incident meta l-konvenuta harget mis-*side road*. Jichad li kien qieghed isegwiha. Jghid illi l-konvenuta raha ma' l-impatt.

Jghid illi hu dahal fuq il-genb ta' wara tal-karozza tal-konvenuta.

Ra x-xhieda ta' Rose Camilleri fejn tikkonferma d-dokumenti esebiti u tghid li z-zewg toroq minfejn hargu l-partijiet huma t-tnejn tal-Kunsill u dan ifisser li l-ebda wahda mit-toroq m'hija triq arterjali.

Tghid ukoll illi ghandha l-impressjoni li x-xarabanks jghaddu minn Triq Tghobija.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tghid illi l-attur kien gej bi speed qawwi u beda jross maghha izda hi baqghet issuq avolja hu baqa' jsuq warajha. Tghid illi mbaghad hi marret

ghal Triq Ghajn Qajjet u l-attur baqa' ghaddej dritt ghal Vjal il-Haddiem. Il-konvenuta tghid illi meta giet fit-triq li jiltaqghu z-zewg toroq ma ratux gej u ghalhekk baqghet hierga u sar l-impatt. Tikkonferma li l-attur ratu meta hi kienet diga' harget.

Tghid ukoll illi fit-triq li kienet ghaddejha minnha hi ma kienx hemm *stop sign*. Fi triq fejn gara l-incident tghid li jghaddu zewg karozzi.

Il-konvenuta tghid illi qabel l-incident kellha thares lura u fuq il-lemin biex tohrog mit-triq u nofs it-triq kienet tidher ftit.

Tikkonferma li wara l-habta telqet il-karozza minn idejha.

Fil-kawza **Untours Vs Saliba - PA 29/1/2004** gie ddikjarat:

"Illi huwa maghruf li hija regola generali li fi kwistjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilta' f'habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri (a) li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha ta' l-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici) u (b) li jzomm attenzjoni (proper look-out) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih." (Ara wkoll **Formosa & Camilleri Limited et Vs Joseph Camenzuli – PA RCP 26/4/2001**.)

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident gara f'*intersection or junction of roads*. Hemm diversi sentenzi fis-sens li jghidu li l-ewwel konsiderazzjoni tas-sewwieqa hu mhux li jistabbilixxu d-dritta, izda sabiex tigi stabbilita ordni fis-sewqan, bazilari ghal certu grad ta' sikurezza fuq it-toroq.

Il-**Highway Code** jipprovdi **(214)** li:
"At the intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously priority should, unless otherwise indicated, be accorded to vehicles on the right."

F’dan il-kaz l-attur kien fuq il-lemin izda hemm diversi fatturi li juru li l-attur mhux kredibbli wisq fil-verzjoni li ta. Illi meta gie biex jimmarka fejn gara l-impatt hu ghamel il-marka Z fuq l-iskizz a fol 34 tal-process. Fix-xhieda izda jghid li hu waqaf mal-habta (ara pagna 38). Illi bhala fatt il-vettura tieghu hija hafna izjed ‘il quddiem mill-i*spot of impact* li ndika l-istess attur. Illi jekk l-attur waqaf mal-habta kien diga’ saq certu distanza fit-triq u anki l-konvenuta kienet diga’ saqet certu distanza fit-triq. Ghalhekk mhux il-kaz li z-zewg sewwieqa waslu fil-*junction simultaneously*. L-attur kellu jara l-karozza quddiemu. Illi l-attur ma habatx mal-genb tal-vettura tal-konvenuta izda fuq l-indicator ta’ wara tal-lemin. Il-konvenuta tiddiskrivi d-daqqa bhala daqqa enormi. Illi kien hemm bizzejjed spazju fit-triq sabiex zewg karozzi jghaddu.

Min-naha l-ohra l-konvenuta tghid li meta giet fejn jiltaqghu z-zewg toroq harset lura u ma ratx il-karozza tieghu gejja. Il-konvenuta kellha l-obbligu li qabel ma tipprocedi wara l-*junction* tassigura li ma kienx hemm karozzi gejjin minn fuq il-lemin taghha. Hi qalet li ma waqfitx qabel ma harget.

Jirrizulta ghalhekk li z-zewg sewwieqa kellhom tort fi grad ugwali. Illi gie esebit *survey* li ma kienx ikkontestat. Skond dan is-*survey* l-*estimated grand total* huwa ta’ seba’ mija u tlieta w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm743.50c) (ara fol 16 tal-process).
Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur l-ammont ta’ tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm371.75c). L-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------